MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2014

Talba Numru. 666/2013

**Joseph Vassallo**

**Vs**

**Jesmond Grech**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-8 ta' Ottubru, 2013 fejn l-attur talab illi f'Novembru tas-sena 2012 u kif ukoll f'Jannar tas-sena 2013, l-attur kien ghamel numru ta' ordnijiet ta' ghamara u diversi prodotti relatati minghand il-konvenut, fir-rigward ta' liema ordnijiet l-istess attur kien hallas is-somma ta' elfejn Ewro (€2,000);

Illi in oltre, l-attur kien ikkonsenja lill-konvenut ghaxar hgigiet illi kellhom jitwahhlu mal-bibien illi l-istess attur kien ordna minghand il-konvenut; liema hgigiet jammontaw ghall-prezz ta' mitejn, tnejn u sebghin ewro u hamsa u tmenin centezmu (€272.85c);

Illi minkejja illi l-konvenut kien obbliga ruhhu illi jikkonsenja u jinstalla l-imsemmija ghamara u prodotti relatati gewwa l-fond tal-attur, huwa naqas milli jaghmel dan fiz-zmien miftiehem. Fil-fatt,

l-istess ghamara u prodotti relatati baqghu ma gewx ikkonsenjati u installati gewwa l-fond tal-attur, minkejja diversi interpellazzjonijiwt;

Illi b'konsegwenza tan-nuqqasijiet tal-konvenut, l-attur kellu sahansitra jfittex post alternattiv fejn jirrisjedi, u dan sakemm ikun jista' jarred l-propjeta' tieghu bl-ghamara illi suppost kellha tigi 'kkonsenjata u installata mill-konvenut;

Illi minkejja d-diversi interpellazzjonijiet li sarulu, il-konvenut xorta wahda baqa' inadempjanti;

Illi permezz ta' ittra datata 10 ta' Gunju 2013 li qed tigi annessa u markata Dokument A, l-attur gharraf lill-konvenut li kien qed iwaqqaf l-appalt lilu moghti.

Jghid ghalhekk il-konvenut il-ghaliex ma ghandux jigi kkundannat minn dan it-Tribunal li jhallas lill-attur is-somma ta' elfejn, mitejn u tnejn u sebghin Ewro u hamsa u tmenin centezmu (€2,272.85) rapprezentanti, in kwantu ghal elfejn ewro (€2,000) hlas li sar mill-attur lill-konvenut bhala depositu fuq ghamara u d-diversi prodotti relatati illi gew ordnati minghand l-istess konvenut, u kwantu ghal mitejn, tnejn u sebghin Ewro u hamsa u tmenin centezmu (€272.85) l-prezz tal-ghaxar hgigiet illi gew ordnati minghand l-istess konvenut, prevja kull dikjarazzjoni lit kun mehtiega li tinghata minn dan it-Tribunal inkluz li l-konvenut ma wettaqx l-appalt lilu moghti u li dan l-appalt intemm.

Bl-ispejjez gudizzjarji u l-imghaxijiet legali kontra l-konvenut.

Bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Il-konvenut debitament notifikat ipprezenta risposta fit-18 ta' Novembru, 2013 fejn eccepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok l-attur ghandu jipprova l-interess u n-ness guridiku tieghu fil-konfront tal-eccipjenti ghal finijiet ta' kif qed tigi proposta l-azzjoni attrici.
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, fil-mertu l-azzjoni attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.
3. Illi ebda ammont kif mitlub m'hx dovut mill-eccipjenti stante li t-talba attrici fil-konfront tal-esponenti hija assolutament infondata fil-fatt u fid-dritt.

Xehed l-attur fjen spjega illi kien ordna l-bibien minghand il-konvenut kif ukoll cladding biex jitghattew l-hitan. Il-konvenut mar ikejjel u l-attur hallas deposit. Kienu fthemu ill x-xoghol jitlesta f'Marzu. Pero hawnhekk bdew il-problemi fis-sens illi l-attur qatt ma beda jsib lil konvenut fil-hanut tieghu meta jmur biex jara l-andament tax-xoghol. Minbarra d-deposit l-attur hallas ukoll mitejn, tnejn u sebghin Ewro u hamsa u tmenin centezmu (€272.85) hgieg li tah lill-konvenut. Kienu ftehmu gurnata ghat-twahhil pero minflokk il-konvenut kien mar u ha rutella biex ikejjel mieghu u mhux ix-xoghol biex iwahhal. Wara li gara dan kollu l-attur kellu jordna l-bibien minghand haddiehor u llum il-gurnata il-bibien imwahhlin.

Il-konvenut jghid illi lil attur jafu peress illi ordnalu l-bibien u kellu jghatihomlu f'Marzu. F'Marzu stess l-attur ikkonferma l-ordni tat-tarag. Spjega ukoll illi hu jahdem kemm il-Hamrun kif ukoll Hal Luqa u gieli jinqabad barra bix-xoghol. Spjega ukoll ill f'nofs April kien talab lil attur jghatih deposit tat-tarag, izda l-attur qallu li lanqas tal-bibien ma kien ser ihallsu. Mistoqsi direttament mit-Tribunal jekk kienx ser ilesti mis-16 t'April sal-ahhar t'April se mai l-attur estendielu z-zmien.

Illi ghalhekk ghandha zewg verzjonijiet diametrikament oppost. Il-Qrati taghna dejjem sahqu illi:

*'In tema legali osservat li huwa principju assodat filgurisprudenza li f'kaz ta' zewg verzjonijiet diametrikament opposti u li jkunu plawsibbli jew possibli dan jiffavorixxi lkonvenuti in bazi ghal principju li onus probanti incumbit ei qui dicit mom ei qui negat. Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fic-citazzjoni. Mill-banda l-ohra peo' ilgrad ta' prova rikjest fil-kamp civili, b'differenza minn kawzi kriminali fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju rajonevoli, fil-kamp civili huwa bizzejjed li jkun hemm certezza morali f'mohh il-gudikant. Din ic-certezza morali rikjesta f'kawzi civili hija l-effet tal-bilanc tal-probabilitajiet. Mera possibilita' mhux sufficenti biex tirradika r-responsabilita' civili' (**'Giordmaina Medici vs Rizzo'** deciza fit-28 ta' April, 2004).*

Il-kawza '**Sammut Alessi vs Kononku Dun Anton Mallia',** deciza fl-4 ta' Marzu 2014 ukoll ikkonsidrat illi divergenzi ta' din ix-xorta jesigu skrutinju tac-cirkostanzi kollha sabiex il-Qorti tkun tista' tasal ghal dik ic-certezza morali li tehtieg biex taghti d-decizjoni taghha. Ghalhekk dan l-Onorabbli Tribunal ghandu joqghod u jevalwa l-kredibilta' tax-xhieda moghtija mill-attur u mill-konvenut.

Illi fil-kaz odjern huwa car illi meta l-attur zied ix-xoghol tal-konvenut **f'nofs Marzu** estenda l-inkarigu moghti lill-konvenut biex ilesti t-tieni bicca xoghol moghtija mill-attur specjalment peress illi

qed nitkellmu fuq tfassil ta' tarag. Ghalhekk, kien hemm qbil verbali illi z-zewg xoghlijiet jitlestew f'daqqa sal-ahhar ta' April:

*'Nixtieq nispjega illi l-ewwel ghidt illi x-xoghil kien ser jiehdu fl-ahhar ta' Marzu, imbaghad ghidt illi x-xoghol kien ser jiehdu fl-ahhar ta' April, jiena nixtieq nghid illi kien zdied iz-zmien peress illi kien dahhal tarag.'* (***Xhieda tal-konvenut Jesmond Grech.)***

Pero fil-kaz odjern il-verzjoni tal-attur verosimili hija dik tal-attur. Kif jista' il-konvenut jghid illi kien ser ikun lest mix-xoghol meta r-ritratti li pprezenta fil-mori tal-kawza u li kkonferma li hadhom f'Lulju ma juri xejn hlief ftit injam li ma jikkonfermawx illi huwa tarag u ftit bibien, lanqas l-ammont ordnat ezatt illi mhux sprejjati jew maghqudin totalment.

Ghalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-attur ghandu ragun illi l-konvenut ma zamx maz-zmien miftihem biex jitwahhal ix-xoghol u lanqas kien f'posizzjoni illi meta nfethet il-kawza jiddeposta fil-Qorti x-xoghol lest illi suppost ta' lil attur.

Ghal dawn il-motivi u ragunijiet it-Tribunal jaqta u jiddecidi billi jilqa' it-talba attrici u jikkundanna lil konvenut ihallas is-somma ta' elfejn, mitejn u tnejn u sebghin Ewro u hamsa u tmenin centezmu (€2,272.85) bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza jkunu a karigu tal-konvenut.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------